MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 1074/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roland Cassar)**

**vs**

**ALFRED ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Zammit bin Emanuel u Giuseppa xebba Cassar imw/ Qrendi 4/11/40 Res/ 31 A, Triq id-Duka Edenburgh, Hamrun. ID 759040(M) gie akkuzat:

Talli fil-4 t'Awissu 2004 ghall-habta ta' 11.55 ta' filghodu gewwa Duke of Edenburgh Str, Hamrun volontarjament ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Mary Camilleri ID 412151(M) skond kif iccertifika Dr. J. Galea M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

2) u aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex, kemm il-darba l-akkuzat jinstab hati, tikkundannah ghall-hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RC2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005 il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, li hi ta' natura kontravenzjonali, hija preskritta.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ikkonfermaw dak minnhom dikjarat fis-Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005 rigward it-tieni akkuza migjuba

kontra l-imputat u cioe' li din l-akkuza hi ta' natura kontravenzjonali u hija preskritta.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti kemm il-darba l-akkuzat jinstab hati tikkundannah ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, stante li din il-kawza ma hemmx tali spejjez talab lill-Qorti li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

Innutat ukoll li fid-deposizzjoni ta' Mary Camilleri moghtija fis-Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005 din, inter alia, qalet:
"Nghid illi jien lill-imputat qeghda nahfirlu u nghid dan qeghda nghidu pero' bla pregudizzju ghal kull drittijiet ta' natura civili spettanti lili."

Semghet sottomissjonijiet mill-partijiet dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfred Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u li Mary Camilleri fid-deposizzjoni taghha moghtija fis-Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005, inter alia, qalet:
"Nghid illi jien lill-imputat qeghda nahfirlu u nghid dan qeghda nghidu pero' bla pregudizzju ghal kull drittijiet ta' natura civili spettanti lili.", tillibera lill-istess imputat Alfred Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward ghat-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat, liema akkuza hi ta' natura kontravenzjonali, tenut kont dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005 u fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-imputat Alfred Zammit minn din it-

tieni akkuza stante li din l-akkuza hi preskritta bil-preskrizzjoni trimestrali.

Rigward ghat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika  sabiex il-Qorti kemm il-darba l-akkuzat jinstab hati, tikkundannah ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, fid-dawl tal-fatt li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007 talab lill-Qorti li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba stante li din il-kawza ma hemmx tali spejjes, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Alfred Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------